# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1035

## tat-23 ta' Ġunju 2021

## li temenda d-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/648/UE u 2013/650/UE fir-rigward tad-detentur tal-awtorizzazzjoni u r-rappreżentant tiegħu fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, li jikkonsistu jew li jiġu prodotti minn ċertu qamħirrum ġenetikament modifikat

*(notifikata bid-dokument C(2021) 4317)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

**(It-test bin-Netherladiż biss hu awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 9(2) u 21(2) tiegħu,

Billi:

(1) Bayer Agriculture BVBA, ibbażata fil-Belġju, hija r-rappreżentant fl-Unjoni ta' Monsanto Company, ibbażata fl-Istati Uniti tal-Amerka, fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, li jikkonsistu jew li huma prodotti minn qamħirrum ġenetikament modifikat awtorizzati bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/648/UE ([2]) u 2013/650/UE ([3]). Dow AgroSciences LLC, ibbażata fl-Istati Uniti tal-Amerka, hija d-detentur l-ieħor tal-awtorizzazzjoni għall-qamħirrum ġenetikament modifikat awtorizzat b'dawn id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni. Dow AgroSciences LLC hija rrappreżentata minn Dow AgroSciences Distribution S.A.S., ibbażata fi Franza.

(2) Permezz tal-ittra tat-28 ta' Lulju 2020, Bayer Agriculture BVBA, ibbażata fil-Belġju, informat lill-Kummissjoni li mill-1 ta' Awwissu 2020, Monsanto Company, bbażata fl-Istati Uniti tal-Amerka, se tikkonverti l-forma ġuridika tagħha u se tbiddel isimha għal Bayer CropScience LP.

(3) Permezz tal-ittra tat-28 ta' Lulju 2020, Bayer Agriculture BVBA informat lill-Kummissjoni li mill-1 ta' Awwissu 2020 se tbiddel isimha għal Bayer Agriculture BV, ibbażata fil-Belġju.

(4) Permezz tal-ittra tas-17 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ġiet informata li mill-1 ta' Jannar 2021, Dow AgroSciences LLC biddlet isimha għal Corteva Agriscience LLC, ibbażata fl-Istati Uniti tal-Amerka.

(5) Permezz tal-ittra tat-22 ta' Marzu 2021, Corteva Agriscience LLC informat lill-Kummissjoni li mit-22 ta' Marzu 2021, ir-rappreżentant tagħha fl-Unjoni hija Corteva Agriscience Belgium B.V..

(6) Il-bidliet mitluba huma purament amministrattivi fin-natura tagħhom u għalhekk ma jeħtiġux valutazzjoni ġdida tal-prodotti kkonċernati.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/648/UE tas-6 ta' Novembru 2013 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, li jikkonsistu minn, jew li jiġu prodotti mill-qamħirrum modifikat ġenetikament MON89034 × 1507 × NK603 (MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1 × MON-ØØ6Ø3-6) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 302, 13.11.2013, p. 38).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/650/UE tas-6 ta' Novembru 2013 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew ikunu prodotti minn qamħirrum ġenetikament modifikat (ĠM) MON 89034 × 1507 × MON88017 × 59122 (MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7), erba' qamħirrum ĠM relatati li jagħqdu tliet eventi singli differenti ĠM (MON89034 × 1507 × MON88017 (MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3), MON89034 × 1507 × 59122 (MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1 × DAS-59122-7), MON89034 × MON88017 × 59122 (MON-89Ø34-3 × MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7), 1507 × MON 88017 × 59122 (DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7)) u erba' qamħirrum ĠM relatati li jgħaqqdu żewġ eventi ĠM singli differenti (MON89034 × 1507 (MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1), MON89034 × 59122 (MON-89Ø34-3 × DAS-59122-7), 1507 × MON88017 (DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3), MON 88017 × 59122 (MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7)) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 302, 13.11.2013, p. 47).

(7) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/648/UE u 2013/650/UE jiġu emendati skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Emendi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/648/UE**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/648/UE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għandhom ikunu:

(a) Corteva Agriscience LLC, l-Istati Uniti tal-Amerka, rappreżentata minn Corteva Agriscience Belgium B.V.; kif ukoll

(b) Bayer CropScience LP, l-Istati Uniti tal-Amerka, rappreżentata minn Bayer Agriculture BV, il-Belġju.";

(2) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil:

(a) Corteva Agriscience LLC, 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti tal-Amerka, rappreżentata minn Corteva Agriscience Belgium B.V., Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju; kif ukoll

(b) Bayer CropScience LP, 800 N. Lindbergh Boulevard, St Louis, Missouri, 63167, l-Istati Uniti tal-Amerka, rappreżentata minn Bayer Agriculture BV, Scheldelaan 460, 2040 Antwerp, il-Belġju";

(3) fl-Anness, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) **Applikanti u Detenturi tal-awtorizzazzjoni**

Isem: Corteva Agriscience LLC

Indirizz: 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti tal-Amerka

rappreżentata minn Corteva Agriscience Belgium B.V., Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju,

kif ukoll

Isem: Bayer CropScience LP

Indirizz: 800 N. Lindbergh Boulevard, St Louis, Missouri, 63167, l-Istati Uniti tal-Amerka

rappreżentata minn Bayer Agriculture BV, Scheldelaan 460, 2040 Antwerp, il-Belġju".

*Artikolu 2*

**Emendi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/650/UE**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/650/UE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għandhom ikunu:

(a) Corteva Agriscience LLC, l-Istati Uniti tal-Amerka, rappreżentata minn Corteva Agriscience Belgium B.V.; kif ukoll

(b) Bayer CropScience LP, l-Istati Uniti tal-Amerka, rappreżentata minn Bayer Agriculture BV, il-Belġju.";

(2) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil:

(a) Corteva Agriscience LLC, 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti tal-Amerka, rappreżentata minn Corteva Agriscience Belgium B.V., Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju; kif ukoll

(b) Bayer CropScience LP, 800 N. Lindbergh Boulevard, St Louis, Missouri, 63167, l-Istati Uniti tal-Amerka, rappreżentata minn Bayer Agriculture BV, Scheldelaan 460, 2040 Antwerp, il-Belġju.";

(3) fl-Anness, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) **Applikanti u Detenturi tal-awtorizzazzjoni**

Isem: Corteva Agriscience LLC

Indirizz: 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti tal-Amerka

rappreżentata minn Corteva Agriscience Belgium B.V., Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju

kif ukoll

Isem: Bayer CropScience LP

Indirizz: 800 N. Lindbergh Boulevard, St Louis, Missouri, 63167, l-Istati Uniti tal-Amerka

rappreżentata minn Bayer Agriculture BV, Scheldelaan 460, 2040 Antwerp, il-Belġju."

*Artikolu 3*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil:

(a) Corteva Agriscience LLC, 9330 Zionsville Road Indianapolis, Indiana 46268-1054, l-Istati Uniti tal-Amerka, rappreżentata minn Corteva Agriscience Belgium B.V., Bedrijvenlaan 9, 2800 Mechelen, il-Belġju; kif ukoll

(b) Bayer CropScience LP, 800 N. Lindbergh Boulevard, St Louis, Missouri, 63167, l-Istati Uniti tal-Amerka, rappreżentata minn Bayer Agriculture BV, Scheldelaan 460, 2040 Antwerp, il-Belġju.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2021.

*Għall-Kummissjoni*
Stella KYRIAKIDES
*Membru tal-Kummissjoni*